# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Appell Nru: 396/2015

**Il-Pulizja**

**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**Vs**

**Wayne Zammit**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat Wayne Zammit detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 506892M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f' dawn il-Gzejjer matul il-perjodu ta' bejn l-24 ta' Lulju 2015 u l-granet u x-xhur ta' qabel din id-data:

1. F' xi hin bejn l-20.30 ta' filghaxija tat-23 ta' Lulju, 2015 u l-4.55 ta' filghodu ta' l-24 ta' Lulju, 2015, f' dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta' oggetti u flus f' kontanti, liema serq li huwa ikkwalifikat bil-valur li jeccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda huwa anqas minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-

mezz, kif ukoll bil-hin, kif ukoll bil-lok u bil-persuna, sar ghad-detriment tal-konjugi Farrugia mill-Marsa u / jew persuni ohra;

2. Ukoll talli f' xi hin bejn l-20:30 ta' filghaxija tat-23 ta' Lulju, 2015 u l-4.55 ta' filghodu tal-24 ta' Lulju, 2015, f' dawn il-Gzejjer, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt Euro imma hija izjed minn mitejn u hamsin Euro saret ghad-detriment tal-konjugi Farrugia mill-Marsa u / jew persuni ohra;

3. U aktar talli fl-istess perjodu taz-zmien u cirkostanzi f' dawn il-Gzejjer, irrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien instab hati ta' reati b' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti kienet mitluba ukoll sabiex f' kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta` tal-konjugi Farrugia skont it-termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-26 ta' Lulju, 2015, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli indikati u cioe` Artikoli 49, 50, 278 u 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat **Wayne Zammit** hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih u kkundannatu piena ta' ghaxar (10) xhur prigunerija u in vista tal-eta` tieghu ordnat li jitqieghed fid-divizjoni 'YOURS' ta' hdan il-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Awwissu, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghogobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti

fejn sabet lill-appellat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu; u thassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena, billi minflok il-piena nflitta tinfliggi piena idoneja u gusta skond il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lill-Avukat Generali u lid-difensur tal-appellat;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell tal-Avukat Generali bil-gravami singolari li l-ewwel Qorti erogat piena anqas minn dik kontemplata mil-ligi. Mill-atti processwali jemergi illi l-appellat kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet infraskritti, igifieri ghal-dawk ta' serq akkumpanjat bl-aggravji tal-valur, mezz, hin, lok u persuna, hsara volontarja fi hwejjeg haddiehor akkumpanjati bl-addebitu tar-recidiva. L-appellat kien rregistra ammissjoni f'dik l-ewwel seduta tal-istruttorja u inghata sentenza ta' ghaxar xhur prigunerija;

2. L-Avukat Generali ghandu ragun fl-aggravju tieghu ghaliex l-anqas terminu ta' prigunerija li l-ewwel Qorti setghet timponi fuq l-appellat kien ta' ftit anqas minn erbatax-il xahar u mhux ghaxar xhur. Harsa hafifa lejn id-disposizzjonijiet relevanti tal-Kodici Kriminali, il-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, juri minnufih li l-ewwel Qorti ma setghet qatt tikkomina dik il-piena. Minkejja dan, is-sentenza tal-ewwel Qorti tiddifetta minn rekwizit importanti tal-istess Kodici Kriminali, l-artikolu 382. Anke jekk dan il-fatt sfugga lill-Avukat Generali, din il-Qorti ser ikollha tissolleva hi stess in-nullita' tas-sentenza appellata ghar-raguni segwenti;

3. Fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti, wara li ddikjarat li rat l-artikoli 49 u 50, 278 u 325 tal-Kodici Kriminali sabet lill-appellat hati. Fit-termini tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali, l-ewwel Qorti kellha tindika dawk l-artikoli tal-ligi li dwarhom instabet htija. L-artikolu 278 ma johloq l-ebda reat u huwa biss artikolu li jistabilixxi l-piena applikabbli. Ghalkemm ma kien hemm ebda htiega li jissemma l-artikolu dwar il-piena, sakemm dan ma johloqx ukoll ir-reat, certament kien hemm htiega *ab nullitatem*, li jkunu indikati l-artikoli tal-ligi li dwarhom instabet htija. Dan ma sarx u konsegwentement tirrizulta nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sentenza appellata u ghalhekk qed tkun dikjarata nulla;

4. Qabel ma l-Qorti tghaddi sabiex tiddeciedi mill-gdid il-kwistjoni hawn devoluta kif jitlob l-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali, tajjeb li jkun senjalat illi meta, bhal fil-kaz odjern, s-sentenza tal-ewwel Qorti tkun dikjarata nulla, ggib maghha sitwazzjoni ferm infelici jekk mhux odjuza u dan ghal hafna ragunijiet fosthom incertezza fuq l-appellat jew appellant li jkun soggett ghall-piena diversa u ghal aktar dewmien fil-konkluzzjoni tal-kawza tieghu. Tajjeb li jissemma ukoll li meta l-provi ma jkunux registrati jkun jehtieg li x-xhieda jinstemghu mill-gdid minn din il-Qorti b'aktar dewmien u inkonvenjent ghal min ikun gia xehed xhur u anke snin qabel. Ma jistghax ma jkunx notat ukoll id-diffikulta enormi li l-hati jkun soggettat ghalih meta, bhal fil-kaz odjern, ikun skonta it-terminu ta' prigunerija impost mill-ewwel Qorti, fejn jista' jghati l-kaz li wara l-iskarcerament tieghu ikun sab xoghol u beda hajja gdida u issa jkollu jerga jiffaccja l-habs ghall-kumplament tal-piena. Din il-Qorti ghalhekk tissollecita aktar attenzjoni minn din l-ewwel Qorti ghal adezjoni aktar akkurata mal-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 li wara kollox ma jirrikjedi xejn ghajr tlett rekwiziti semplici ghal-ghoti ta' sentenza valida: il-fatti li dwarhom tinsab htija, il-piena u l-artikoli tal-Kodici Kriminali jew ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;

5. L-appellat kien irregistra ammissjoni quddiem l-ewwel Qorti u kkonferma l-istess wara li kien inghata zmien sabiex jikkontempla id-dikjarazzjoni ta' htija tieghu. Ghalhekk din il-Qorti qed issib lill-

appellat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva;

6. Wara li rat l-artikoli 17(h), 261(b)(c)(d)(e) u (f), 263, 267, 268, 269, 270 u 325(b) tal-Kodici Kriminali; wara li qieset illi t-tieni imputazzjoni hija mezz ghall-fini u ghalhekk huwa applikabbli l-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 u wara li rat il-fedina penali tal-appellat;

7. Qieset illi skond l-artikolu 278(3) tal-Kap 9, il-piena applikabbli, dik ta' prigunerija bejn hames xhur u tlett snin ghandha tizdied bi grad u ma tinghatax fil-minimu. Illi ghalhekk skond l-artikolu 31 tal-Kap 9 il-minimu jizdied ghall-seba xhur u l-massimu isir erba' snin. Dawk huma l-parametri tal-piena applikabbli, **izda** peress illi kif gia inghad, l-artikolu 278(3) jiprojbixxi l-ghoti tal-piena fil-minimu, ghandu jsir rikors ghall-artikolu 20 tal-Kap 9 li jiddisponi li, meta l-piena ma tistghax tinghata fil-minimu taghha ghandu dejjem ikun fiha ghall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimu u l-massimu, igifieri f'dan il-kaz terz tad-differenza bejn 7 xhur u 48 xahar li jammontaw ghall-anqas ghal 13 il xahar u nofs;

8. Ghalhekk tikkundanna lill-appellat ghal-terminu ta' prigunerija ta' erbatax-il xahar mil-liema terminu ghandu jitnaqqas iz-zmien ta' ghaxar xhur li l-appellat gia skonta bhala prigunerija.

9. Finalment, tilqa' t-talba tal-prosekuzzjoni billi tipprovdi ghas-sigurta' tal-konjugi Farrugia billi bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap 9 torbot lill-appellat b'obbligazzjoni li ma jimmolestax u/jew ma jdejjaqx lill-konjugi Farrugia fuq penali ta' €1000 ghal zmien sena mil-lum.